

# Il-Qniepen fil-knisja ta' Bormla bejn l-1685 u l-1800*

Dr. Simon Mercieca

Meta il-Bormliżi ħasbu biex jibnu knisja ġdida, ħasbu wkoll biex jagħmlu qniepen ġodda għaliha. Kważi kważi, dawn iż-żewġ opri imxew ma' xulxin. Tant hu hekk li bejn 1685 u 1686, il-knisja ta' Bormla ordnat żewġt iqniepen mingħand il-brunżar Antonio Famuncelli.[1] Ir-raġuni għala Bormla għamlet dawn il-qniepen ġiet wara li xi ħadd kien ta lill-prokuraturi tal-knisja kanun tal-bronż imkisser li kien jiżen 15-il qantara u 55 ratal. Minn dan il-bronż ħasbu biex joħorġu żewgt iqniepen, waħda ta' ħamest iqnatar u l-oħra ta' ħdax-il qantar. Din il-qanpiena ta' ħdax-il qantar kellha tibda sservi bħala l-qanpiena l-kbira tal-knisja ta' Bormla. Kienet l-ikbar waħda li issa hija kellha.

Il-prokuratur tal-knisja f'dik il-ħabta kien Maestro Antonio Ross. Dan kien persuna lajka. Dan mar ma' Famuncelli għand in-nutar T. Agius. Il-kuntratt sar nhar l-1 ta' Frar 1685 u l-brunżar Famuncelli kellu jlestihom sal-festa tal-Għid il-Kbir, jiġifieri ġie mogħti madwar xahrejn biex jagħmel dawn iż-żewġt iqniepen. Il-brunżar u l-prokuraturi qablu li wara li jkunu lesti jiġu spezzjonati minn ħames min-nies li kienu esperti fis-sengħa tal-bronż. Dawn kienu l-fiskal ġenerali, il-qassis Don Giovanni Luca Micallef, il-*capomastro* Gio Angelo Balzan, il-*maestro* Mariano Grech, Santoro Paris u *maestro* Giacobuzzo Damato. Dan tal-aħħar kien il-bombardier tal-Ordni.

Il-prokuratur Ross ibbaża din l-opra fuq il-ġenerożità tal-parruċċani. Mal-kanun tal-bronż, il-brunżar ingħata wkoll vireg taċ-ċomb ta' Fjandra. Dawn kienu jiżnu 3 t'iqnatar. Meta ingħata dan il-materjal, kemm fi bronż u anki f'ċomb, kien ingħata avarija ta' 10%, li kienet tmur għat-telf ta' materjal li kien iseħħ meta dawn kienu jiddewbu.[2] Min-naħa tiegħu, il-brunżar kellu jżied 95 ratal ram li kien ġie vvalutat għas-somma ta' 47 skud u 6 tari. Magħhom riedet tiżdied is-somma ta' 433 skud. B'hekk ix-xogħol fuq iż-żewġt iqniepen kien qam 480 skud u 6 tari. Il-piż tagħhom it-tnejn f'daqqa kien ġie ta' 18-il qantar u 86.5 ratal. Il-brunżar kien tħallas approssimament 23 skud-il qantar u ħa medda ta' sentejn biex tħallas ta' xogħolu. Ix-xogħol fuq il-qniepen sar fil-funderija tal-Ordni.[3]

Sa April 1688, il-prokuratur Ross kien ħallas d-dejn mal-brunżar Famuncelli. Min-naħa tiegħu, peress li ħallsuh malajr, il-brunżar tahom skont jew aħjar reġa' għaddielhom lura 71 skud li marru favur il-knisja u l-Fratellanza tal-Kurċifiss ta' Bormla.[4]

F'1730, Gio Batta Crispo, il-kappillan ta' Bormla, kiteb lill-isqof biex jkun jista' jsir ġbir ħalli ssir qanpiena ġdida minflok waħda li kienet tkissret. B'hekk kien hemm bżonn li jsir ġbir, mhux biss mill-knisja parrokkjali, jew "chiesa *madre*", kif kienet tissejjaħ, iżda wkoll minn dik filjali ta' San Pawl u knejjes oħra kif ukoll jintużaw flus marbuta mal-altari. Dawn kellhom jintużaw biex issir din il-qanpiena ġdida. Min-naħa tagħhom,

il-prokuraturi tal-altari, b'xi riserva minn dawk ta' San Mikiel u ta' San Ġwann, kienu kuntenti li jikkontribwixxu għal din il-qanpiena ġdida.[5]

Din il-qanpiena ġdida saret fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1731 mill-brunżar Paolo Bertolino. Dan Bertolino kien minn Palermo, iżda miżżewweġ f'Malta. Hu kien joqgħod il-Belt Valletta. Il-kuntratt sar għand in-nutar Pietro Paolo Saliba nhar 23 ta' Lulju 1731. Tqabbad jagħmel din il-qanpiena mill-prokuraturi tal-knisja li f'dik il-ħabta kienu Dun Giuseppe De Maro u Dun Gio Antonio Schembri. Dawn kienu żewġ qassisin minn Bormla. Bertolino qabel li jagħmel qanpiena għal Bormla li tiżen 8.5 qantar. Din kellha tkun lesta fi żmien xahrejn u ħmistax-il ġurnata mid-data tal-kuntratt. Il-prokuraturi kellhom jagħtu l-materjal neċessarju, bħalma kien il-bronż, il-landa, u l-ħatab biex jiddewbu l-materjal. Ix-xogħol kien smat bir-rata ta' 20 skud kull qantar. Is-somma ta' 50 skud ġiet imħallsa bil-quddiem u l-bqija kellu jitħallas meta titlesta l-qanpiena. Qablu wkoll, li jekk kien ser jibqa' xi bronz, dan kien jibqa' propjetà tal-brunżar, iżda l-prokuraturi jieħdu s-somma ta' 20 skud il-qantar tiegħu. Ġiet ukoll mogħtija 10% ta' avarija għal kull qantar mid-dewbien tal-bronż. Jekk il-qanpiena tkun difettuża, din kellha tkun mibdula u ssir mill-ġdid bi spiża għall-brunżar. Il-qanpiena kellha jkollha żewġ figuri mqabbża fuqha, jiġifieri dik tal-Kunċizzjoni u l-oħra tas-Salib Imqaddes.[6]

Erba' snin wara, jiġifieri fl-1734, il-knisja ta' Bormla ordnat qanpiena oħra. Din kienet ġiet ordnata permezz ta' digriet mill-kurja tal-isqof. Ix-xogħol fuqha sar mill-brunżar Aloisio Boucciut (sic.) mill-Belt Valletta. Hu tqabbad biex jagħmel qanpiena ta' għaxart iqnatar u tletin ratal. Din saret fi żmien ħames xhur. Iżda l-ħlasijiet għaliha saru f'perjodu ta' tliet rati, bl-ewwel rata tkun 29 ta' Awwissu 1734, it-tieni waħda f'Marzu ta' 1735, u l-aħħar waħda fl-14 ta' Jannar 1736. Dan joħroġ minn kuntratt li sar għand in-nutar P.P. Saliba. F'din il-ġurnata tal-14 ta' Jannar 1736, il-brunżar Boucciut (sic.) tħallas is-somma ta' 293 skudi. Iżda kien għad fadallu jieħu s-somma ta' 531 skudi. B'kollox din il-qanpiena ġiet tiswa 824 skudi. Parti minn dan il-ħlas sar billi l-brunżar ħa qanpiena aktar qadima li kienet ta' tmint iqnatar u 85 ratal. Din kienet ivvalutata 60 skud. Wisq probabli, din kienet il-qanpiena li kien għamel ftit tas-snin qabel Bertolino.

Din il-qanpiena l-ġdida saret fuq ix-xewqa ta' ċertu Schembri minn Bormla. Dan xtaq li Bormla jkollha qanpiena aħjar u b'hekk kienet ddewbet din ta' tmint iqnatar u 85 ratal li kienet miksura.[7] Din il-qanpiena l-ġdida ta' Boucciut bdiet isservi bħala ta' wara l-kbira ta' Bormla.

Dan Alosio Bouchut tqabbad biex jagħmel żewgt iqniepen oħra għal Bormla. Il-kuntratt sar għand in-nutar P.A. Madiona nhar il-5 ta' Jannar 1748. Din id-darba l-prokuraturi tal-knisja kienu Don Maruzzo Cachia, Maestro Michele Fiteni u s-Sur Giuseppe Lacorte. Bouchut qabel li jagħmel qanpiena tal-bronż tiżen bejn sitta u sebat iqnatar u oħra tal-istess materjal li tiżen bejn erba' u ħamest iqnatar. Hu qabel li jitħallas is-somma ta' 100 skud kull qantar. Hu aċċetta li ilestihom fi żmien sitt xhur. Qabel ukoll li dawn jagħmilhom skont l-arti u regoli, li jkollhom ħoss ħelu u fuq kollox, li l-ħoss tagħhom irid jogħġob "*al Popolo di d[ett]a Bur[mo]la*". Jekk ma jkunux tajbin, ġie marbut li jkollu jerġa' jagħmilhom mill-ġdid a spejjez tiegħu. Dawn kellhom ikunu lesti f'perjodu ta' sitt xhur.

Fuq kollox, dawn iż-żewġt iqniepen saru minflok tnejn oħra li kienu tkissru. Dawn ġew stmati li jiswew 416 skud 9 tari u 12-il grano. Is-somma ġiet maħduma fuq 80 skud-il qantar. Jekk wieħed jaħdem din is-somma jsib li dawn kienu qniepen żgħar li bejnithom

ma kinux jġibu ftit aktar minn ħamest iqnatar-il waħda. B'hekk Bouchet aċċetta li jieħu dawn il-qniepen għall-bronż. Jekk kien ser ikun hemm bżonn ta' xi żieda tal-bronż, dan kellu jitħallas bir-rata ta' 80 skud kull qantar.

Is-sinjuri Cachia, Fiteni u Lacorte qablu li jaħdmu ta' bank, jiġifieri jieħdu fuqhom ir-risponsabilità li jħallsu lill-brunżar. Fi kliem ieħor, jekk il-knisja kienet tonqos milli tagħmel dawn il-ħlasijiet, il-prokuraturi ħadu r-risponsabilità li jħallsu lill-brunżar minn buthom. Imbagħad il-knisja tħallas lilhom meta jkollha l-flus.[8] Il-brunżar kellu jieħu 300 skud meta jlestihom. Il-bqija tħallas fi żmien sentejn. Bit-tieni ħlas kellu jsir sena wara li jkunu lesti.

L-aħħar ordni ta' qniepen għas-seklu tmintax saret fl-1789. Dawn kienu żewġt iqniepen għall-arloġġ ġdid li kien sar għall-knisja ta' Bormla. Iżda dwar dawn il-qniepen tkellimna f'artiklu ieħor fuq l-arloġġ tal-knisja ta' Bormla.

Ma jidhirx li saru aktar qniepen matul is-seklu tmintax. Fuq kollox, matul dan il-perjodu, il-knisja ta' Bormla kienet b'kampnar wieħed. B'hekk kien hemm limitu ta' kemm seta' jkollha qniepen. Fl-1796, il-prokuraturi ta' Bormla bdew jaħsbu biex iżidu kampnar ieħor. Qabbdu lil Nicola Mercieca biex jibda x-xogħol fuq il-faċċata, it-tiswija tal-kampnar eżistenti u l-bini tat-tieni kampnar. Dan Nicola kellu jaħdem taħt id-direzzjoni tal-kapomastru Nikola Cachia. Il-kampnar kellu jkun eżatt bħal dak li kien hemm fuq ix-xellug tal-knisja. Dan kellu jitlesta fi żmien sitt xhur u għalih kellha titħallas is-somma ta' 900 skud.[9] Iżda x-xogħol ma sarx u l-kuntratt ġie imħassar. Skont nota tan-nutar Vincenzo Azzopardi, dan tħassar fit-8 ta' Settembru 1797.[10] B'hekk dan it-tieni kampnar kellu jistenna l-bidla tas-seklu biex ikun jista' jsir.

Meta staqsejt lis-Sur Kenneth Cauchi, il-persuna responsabbli mir-restawr tagħhom x'fadal minn dawn il-qniepen, mir-risposta li tani jidher li baqa' waħda ta' Famuncelli u l-qanpiena li kienet isservi ta' wara l-kbira minn Bouchet.

**Referenzi**

1 Dan l-artiklu ma kienx ikun possibli mingħajr ix-xogħol u l-kitba fuq dan is-suġġett ta' John Debono u l-ktieb tiegħu *Art and Artisans in St John's and other Churches in the Maltese Islands ca. 1650-1800*, Malta, 2005. Debono, p. 229.

2 Arkivju Nutarili, Nutar Tommaso Agius, R. 11/62, ff. 422v-423v.

3 Ibid.

4 Arkivju Nutarili, Nutar G. A. Madiona, R. 321/17, ff.512-513.

5 C.E.M. *Suppliche 1714-1741*, vol. 5, p. 547.

6 Arkivju Nutarili, Nutar Pietro Paolo Saliba R 424/19 (1729-31) ff.453v-455 (1730-31).

7 Arkivju Nutarili, Nutar Pietro Paolo Saliba, R.424/22 (1735-37) ff. 108v-110 (1735-36).

8 Arkivju Nutarili, Nutar P.A. Madiona, R. 322/3,0 ff. 478-479.

9 Arkivju Nutarli, Nutar Vincenzo Azzopardi, R 38/10 (1795-97), ff. 9-12v (1796-97) 11 September 1796.

10 Ibid. Ara n-nota tan-Nutar Vincenzo Azzopardi, bid-data tat-8 ta' Settembru 1797, mal-att eżistenti li jorbot dan il-proġett.